KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 70

Is-sebgħin seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar it-Tnejn 18 ta' Diċembru 2023 fil-6pm ġo sala ġewwa Pjazzetta, Triq Għar il-Lembi Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Anton Debono | Viċi Sindku |
| | Illona Fenech | Kunsilliera (online) |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier (online) |
| | John Dougall | Kunsillier |
| | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier (online) |
| | David Muscat | Kunsillier (online) |
| | Vivienne Galea Pace | Kunsilliera |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | | |
| | Anthony Galea | Kunsillier |
| **ASSENTI** | Kevin Wain | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Pierre P Portelli | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistent Uffiċċjali Prinċipali |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Aġenda fis-6:20pm:*

*70.1 Qari tal-ittri ta' apologij ;*
*70.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 69;*
*70.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*70.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri ;*
*70.5 Rapporti ;*
*70.6 Items Oħra ;*
*70.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u jew/sotto Kumitati ;*
*70.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*70.9 Mozzjonijiet ;*
*70.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;*

## 70.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

**70.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva ittra ta' apoloġiji mingħand il-kunsillier A. Galea. Kien hemm qbil fuq ir-raġunijiet għalfejn ma kienux preżenti.

## 70.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 69

**70.2.1** Is-Sindku ressaq il-minuti tal-laqgħa 69 għall-approvazzjoni. *Approvazzjoni ta' Minuti nr. 69*

**70.2.2** Il-Kunsillier P Radmilli talab għal korrezzjoni għal punti **69.2.9**, Fejn jiżdiedu il-kliem: "Il-Kunsillier Radmilli talab li fil-ġejjieni meta jkun hemm deċiżjoni ta' natura finanzjarja konsiderevoli bħalma hi deċiżjoni fuq kont ta' EUR78,000 din tkun imniżżla fuq l-aġenda bħala punt separat u mhux tkun sempliċiment diskussa bħala komunikazzjoni mis-Sindku u dan sabiex il-Kunsilliera jiġu ippreparati għal diskussjoni fuq is-suġġett." *Korrezzjonijiet*

**70.2.3** Il-Kunsillier P Radmilli talab għal korrezzjoni għal punti **69.3.1** fejn jinbidel b'li ġej: "Il-Kunsillier Radmilli qal li fuq dan il-punt il-Kunsill irid jiddistingwi bejn l-għaġir tal-Gvern Iżraeljan u d-dritt protett mill-Kostituzzjoni ta' qima reliġjuża. Żied li tant din it-talba m'għandiex x'taqsam mal-gwerra preżenti li l-istess talba saritilha is-sena l-oħra meta ma kienx hemm il-gwerra. Żied li jifhem li jista' jkun hemm biża ta' natura ta' ordni pubblika u għalhekk ippropona li l-Kunsill jitlob parir lill-Kummissarju fuq jekk fiċ-ċirkostanzi preżenti jekk jintrama il-Menorah ġewwa Pjazza Sant'Anna fl-okkażjoni tal-Lhud, Hannukah jekk dan jistax iwassal għal xi diżordni pubblika. Ma kienx hemm qbil għal din il-proposta." *Korrezzjonijiet*

**70.2.4** Il-Kunsillier P Radmilli talab għal korrezzjoni għal punti **69.6.4** fejn jinbidel b'li ġej: "Il-Kunsillier P Radmilli qal li dan il-Proġett kien ifisser EUR100,000 fi fondi għal Kunsill għal Proġett fil-Komunità. *Korrezzjonijiet*

Qal li hu ħadem personalment fuq l-applikazzjoni b'għajnuna kbira mill-Aġenzija tal-Gvern Servizzi Ewropej f'Malta (SEM) u s-Segretarju Eżekuttiv. Meta ġejna però għall-implementazzjoni tal-Proġett ħass li ma kienx qed ikun aġġornat u involut fil-proġett. Qal li m'huwiex aċċettabbli li jsiru laqgħat ma' Awtorità Ċentrali fuq proġetti iffinanzjati b'fondi u l-minuti ta' dawn il-laqgħat ma jiġux iċċirkulati mal-Kunsill. Qal li jemmen li l-Kunsill huwa kapaċi jimplementa proġetti b'fondi għaliex hekk sar bil-proġett edukattiv iffinanzjat mill-fondi ta' l-UE AMIF, imma jrid ikun hemm spirtu ta' kollaborazzjoni bejn l-amministrattiv u l-kunsilliera involuti. Saħaq li għandna nistudjaw x'mar ħażin f'dan il-każ sabiex nitgħallmu mill-iżbalji, u talab li l-minuti tal-laqgħat mas-Sur Tabone jiġu iċċirkolati. Hu qal li ma fadalx wisq żmien biex isir ix-xogħol kollu li hemm bżonn fi żmien li huwa stipulat minn dawn il-fondi."

70.2.5 Il-Kunsillier P Radmilli qal li "Ma hemmx imniżżel fil-minuti l-punt li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsill li iffirma għal xi network ta' skambju taħt il-proġett LEAR. Jien sħaqt li l-ewwel irid ikun hemm il-mandat mill-Kunsill qabel ma' is-Segretarju jikkommetti l-involviment tal-Kunsill. M'huwiex minnu li proġetti ta' l-UE ma' jinvolvux spejjeż finanzjarji il-għaliex il-fondi huma ko-finanzjati u dejjem ikun hemm persentaġġ ta' finanzjament mill-fondi tal-Kunsill." *Korrezzjonijiet*

Dwar dan l-aħħar kumment tal-Kunsillier P Radmilli, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li kien irċieva stedina għal laqgħa informali mis-Segretarja Eżekuttiv tas-Siġġiewi u ma membru ta' organizzazzjoni tal-UE Moletai. Għal din il-laqgħa attenda ukoll is-Sindku. F'din il-laqgħa ġie spejgat il-funzjoni ta' l-organizzazzjoni Moletai, kif ukoll il-proġetti ta' skambju ta' LEAR, l-Erasmus u l-Erasmus+ taħt il-proġett CERV 'Network of EU Towns'. L-Aġent Segretarju qal li se jibgħat l-informazzjoni dwar dan il-proġett għall-informazzjoni tal-Kunsilliera kollha. *Korrezzjonijiet*

70.2.6 Il-Viċi Sindku talab għal korrezzjoni għal punt **69.6.2** fejn jiżdied il-kliem; "Ser jingħataw EUR200 lill-erba' każini tal-baned u kif ukoll lill-ħames parroċċi Slimiżi, għal total ta' EUR1,800. Dawn il-flus se jittieħdu mill-baġit ta' l-attivitajiet tal-Milied." *Korrezzjonijiet*

***Il-kunsilliera Vivienne Galea Pace u l-kunsillier David Soler daħlu għal laqgħa fis-6:34pm***

**Il-Kunsillier Leli Borg ippropona l-approvazzjoni tal-minuti hekk kif korretti u kien s-sekondat mill-kunsillier John B Dougall.**

**70.3 Kien hemm qbil mill-kunsilliera preżenti.**

**KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

**70.3.1**

*Laqgħa mad-Direttur Ġenerali DLG*

Is-Sindku qal li flimkien ma' l-Aġent Segretarju Eżekuttiv, attenda għal laqgħa mad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali l-ġdid is-Sur Emil Vassallo. Qal li d-DG semgħa dak kollu li kellu xi jgħid dwar l-ispazju limitat li għandu fl-uffiċini tal-kunsill lokali u l-files ta' l-arkivji li huma antiki ħafna u kif jista' l-kunsill jeħles minnhom. Tkellmu ukoll dwar il-problema tal-ġbir ta' skart. Is-Sindku qal li d-DG innota kif huwa mportanti li l-kunsilliera ma jibqgħux jattendu l-laqgħat online pero' għandhom ikunu preżenti għal laqgħa ġewwa l-post fejn qed jiltaqa' l-kunsill.

**70.3.2**

*Delegazzjoni minn Bialystok*

Is-Sindku tkellem dwar iż-żjara tad-delegazzjoni minn Bialystok. Qal li l-Aġent Seg. Eżek. agħmel preżentazzjoni tajba ħafna dwar il-kollaborazzjoni li hemm bżonn issir bejn iż-żewġ lokalitajiet. Din il-preżentazzjoni ser tiġi ċċirkolata permezz ta' email.

**70.3.3**

L-Aġent Seg. Eżek. qal li fil-preżentazzjoni kien hemm proġett dwar il-possibbiltà' ta' kooperazzjoni bejn tlett lokalitajiet Ewropej, Sliema, Bialystok u Ragusa. Dawn it-tlett pajjiżi ikunu jistgħu japplikaw għal proġett kofinanzjat mill-UE taħt l-isem; ***Creative Europe Programme (CREA). European Cooperation projects.***

L-Aġent Seg. Eżek fisser li peress li d-data biex napplikaw għal dan il-proġett jagħlaq fl-23 ta' Jannar u għaldaqstant ma fadalx wisq żmien, issuġġerixxa li l-kunsill ta' Bialystok jikkollabora mal-Kunsill tas-Sliema għal Sliema Arts Festival 2024. Fejn minn Bialystok jintbagħatu numru ta' artisti u dawn jiġu mħallsin mill-kunsill ta' Bialystok stess.

**70.3.4**

*Sliema Arts Festival*

Is-Sindku qal li l-kunsill jixtieq li jsib qbil fuq approvazzjoni ta' baġit ta' EUR25,000 għas-Sliema Arts Festival 2024.

Il-Kunsilliera V. Galea Pace saqsiet jekk jistgħux jipparteċipaw fil-festival, nies li għandhom esperjenza fil-qasam ta' l-ambjent u t-tindif tal-baħar.

Il-Viċi Sindku saqsa kemm jintramaw barijiet u jekk dawn jistgħux jingħataw lil każini tal-baned sabiex jieħdu ħsibhom. Huwa qal ukoll biex niktbu lil każini biex jiġu nfurmati bid-dati ta' l-attivita' tal-kunsill 19 – 21 ta' Lulju 2024. Saqsa ukoll kif ser jiġu nfurmati l-artisti dwar kif ser jipparteċipaw fl-attivita'.

Il-Kunsillier P Radmilli qal li kien ikun aħjar jekk tiġi ċċirkolata email bit-dettalji tal-baġit propost minn James Micallef Grimaud u li dan il-baġit jiġi approvat fil-laqgħa li jmiss f'Jannar.

Is-Sindku issuġerixxa li tiġi ċċirkolata l-email bit-dettalji tal-baġit propost minn James Micallef Grimaud u li dan il-baġit jiġi approvat sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa 29 ta' Diċembru.

Kien hemm qbil dwar il-proposta tas-Sindku, li se tiġi ċċirkulata email mingħand mill-Aġent Seg. Eżek bid-dettalji tal-*costings* għall-imsemmija attivita'. Ser jingħata ċans sad-29 ta' Diċembru sabiex jiġi approvat dan il-baġit.

**Il-Kunsillier D Muscat telaq mill-laqgħa fis-7:31pm**

**70.4 MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA**

70.4.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal ma rċieva l-ebda mistoqsija qabel il-laqgħa.

**70.5 RAPPORTI**

70.5.1 Ġew ippreżentati r-rapporti mill-*contracts manager* għax-xogħolijiet li saru minn nofs Novembru sa nofs Diċembru. *Contracts manager*

70.5.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li minn Jannar li ġej ser jibdew isiru laqgħat kull xhar mal-contracts manager u mall-kuntratturi l-oħra tal-kunsill sabiex jiddiskutu l-andament tax-xogħol tagħhom.

**70.6 ITEMS OĦRA**

*Tenders*

70.6.1 Is-Sindku sostna li hemm bżonn li kull kunsillier li għandu *adjudicating role* fl-e-tenders jara kif fi żmien qasir jerfa' r-responsabbilita' u jagħlaq dawn it-tenders li qad hemm pendenti.

70.6.2 Il-Kunsilliera V Galea Pace sostnit li hi ilha ma tiġi ipproponuta sabiex tkun evalwatriċi fuq tenders u fil-futur tixtieq li jkolla aktar ċans biex tkun evalwatriċi.

Il-Kunsillier D Soler qal li fuq grupp ta' Facebook li jismu Għaqda Residenti Slimiżi kien hemm kumment li dan il-grupp ta' nies kien *Għaqda residenti Slimżi*

ilhom erba’ xhur li talbu għal laqgħa mal-kunsill lokali. Hu staqsa lis-Sindku jekk dan kienx minnu jew le.

Is-Sindku qal li dan mhuwiex minnu. Hu qal li mhuwiex sew li qed jiġi attakat personalment fuq dan il-grupp ta’ Facebook minn membri tal-Għaqda Residenti slimiżi li jista’ jkollhom agenda personali kontrih. Is-Sindku sostna li fi Frar ħa jara kif jorganizza laqgħa mal-membri ta’ din l-għaqda.

70.6.3 Il-Kunsillier P Radmilli qal li xtaq jerġa jiftaħ id-diskussjoni dwar il-pagament lil Perit Bezzina ta’ ACB Architects. Sostna li hu kien talab li l-kunsilliera jirċievu rapport mingħand l-avukat tal-kunsill bid-dettalji dwar dan il-kas u mhux email miktuba mill-A. Seg Ezek. Bid-dettalji ta’ dak li intqal fil-laqgħa li kien hemm bejn l-istess avukat, is-Sindku u l-A. Seg Eżek. *ACB Architects*

Hu sostna li ma kienx hemm ftehim bil-miktub bejn il-perit Bezzina u l-kunsill dwar il-ħlas tal-kont ta’ EUR78,000.
P Radmilli qal li l-A. Seg Eżek kien kiteb li qisu l-kont kien tal-BoQ, pero filfatt il-kont huwa ta’ l-applikazzjoni tal-Planning Authority. (tariff k)

Is-Sindku qal li l-kunsillier P Radmilli, mhuwiex korrett meta jgħid li l-A. Seg Eżek, bgħat email bl-interpretazzjoni tiegħu dwar dak li qal l-avukat tal-kunsill rigward dan il-kas. Qal li hu se jara li jerġa jkellem lill-Avukat tal-kunsill biex jibgħatilna l-parir tiegħu bil-miktub, ħalli din il-kwistjoni tkun riżolta mill-aktar fiss possibbli.

70.6.4

Il-Kunsillier P Radmilli qal li kien hemm intervista fuq is-sit tal-Malta Today tal-Ħadd 17 ta’ Diċembru fejn il-Ministru tat-Trasport qal li se jiżdiedu ż-żoni tar-residents parking. P Radmilli saqsa lis-Sindku biex meta jkollu xi laqgħa mal-Ministru tat-Trasport isemmilu dan li qal hu stess f’dan l-artiklu. *Residents Parking Scheme*

Fuq dan il-punt is-Sindku qal li kull darba iltaqa’ mal-Ministru tat-Trasport saħaq fuq l-importanza li tas-Sliema bħala lokalita’ ma tkunx diskriminata u tingħata dak li huwa bi dritt tagħha.

70.6.5

Il-Viċi Sindku qal li ma kienx jaf li Fort Cambridge li tospita xi 300 appartament, tagħmel parti minn Triq Tignè’. Qal li jekk hemm *Triq Robert Arrigo*

rimedju li jista' jinbidel isem ta' Triq ieħor għal Robert Arrigo, kien ikun ferm aħjar għal dawk ir-residenti ta' Triq Tigne' li qed igergru. Pero' sostna ukoll illi, jekk din id-deċiżjoni diġà hija konfermata u ma tistax tiġi mibdula, allura l-kunsill għandu immexxi bid-deċiżjoni tiegħu.

Is-Sindku saħaq li qiegħed f'taħditiet ma l-awtoritajiet konċernati sabiex l-isem ta' Fort Cambridge jinbidel għal Fort Cambridge Tigne'.

Il-Viċi Sindku qal li jaqbel mal-proposta tas-Sindku u żied li l-kunsill għandu jibgħat bil-miktub dwar dan il-punt lill-awtoritajiet konċernati.

*Tappiera Triq it-Torri*

**70.6.6**

Il-Kunsilliera V. Galea Pace qalet li ħafna residenti li joqgħodu viċin 146 Triq it-Torri ilhom għal żmien twil jilmentaw dwar tappieri li qed tagħmel ħafna ħoss meta jgħaddu l-karrozzi minn fuqha. Talbet biex isir dak kollu li hu possibbli sabiex tissewwa din it-tappieri mill-aktar fiss possibbli.

Fuq dan il-punt is-Sindku saħaq li ser jagħmel minn kollox biex tiġi solvuta din is-sitwazzjoni u ser ikellem lill-TM u l-LESA sabiex isibu uffiċjali ta' l-infurzar biex tingħalaq Triq it-Torri u tissewwa l-ħsara li hemm.

**70.6.7** *Permessi*

Il-Kunsillier J B Dougall qal li mhux sew li persuni qed iwaħħlu permessi tan-No Parking mal-ħitan ta' nies terzi. Qal li hemm bżonn li min japplika għal permessi jkun mgħarraf dwar dan.

**70.6.8**

Il-Kunsillier J B Dougall staqsa jekk il-kunsill kienx jaf jekk ġewwa l-*ferry landing terminal* il-ġdid ġewwa x-Xatt hemmx latrini pubbliċi. *Ferry Landing Terminal*

Is-Sindku qal li ma kienx jaf dwar dan, qal li ma jidhirlux li hemm latrini pubbliċi.

Il-Kunsillier J. B Dougall irringrazzja lis-Sindku talli ħa azzjoni mmedjata dwar il-ħmieġ li kien qed jinġabar madwar l-iskips tax-Xatt. Hu qal li l-ħmieġ naqas ferm u issa hemm ħafna ndafa. *Ringrazzjament*

**70.6.9**

Il-Viċi Sindku staqsa jekk is-siġar li qegħdin fuq il-promenade bejn il-kunvent tal-karmelitani u x-xowroom ta' Arcidiacono ser ikunu mżabbrin dalwaqt għaliex jistgħu jkunu ta' periklu għat-traffiku u *Siġar imżabbrin*

speċjalment għan-nies li jgħaddu minn hemm bil-mixi.

70.6.10 **Il-Kunsillier P Radmilli telaq mill-laqgħa fit-8:53pm**

*Fanali tax-Xatt*

Il-Kunsillier J B Dougall saqsa jekk il-fanali tat-Triq ix-Xatt fil-parti bejn Triq San Piju u Triq Bisazza fihom xi ħsara li ma tistgħux tissewwa.

70.6.11 Is-Sindku irrisponda li l-kunsill huwa diġa' f'kuntatt mad-dipartiment tax-xogħolijiet pubbliċi sabiex dawn il-fanali jinbiddlu.

*Fondi*

Il-Viċi Sindku qal li kellem lil Ministru Owen Bonnici fuq fondi mill-Aġenzija Żgħażagħ fejn wieħed jista' japplika għal fondi għat-tagħlim tal-mużika.

70.6.12 Saqsa biex tintbagħat email mill-kunsill lill-Aġenzija Żgħażagħ sabiex jikseb l-informazzjoni meħtieġa.

*Attivitajiet tal-Milied*

Il-Viċi Sindku qal lill-attivitajiet tal-Milied għal din is-sena ser jiswew il-kunsill bejn EUR15,000 u EUR20,000. Kien hemm qbil dwar dan l-ammont li se jintefaq.

70.6.13

*A-frame/board*

Il-Viċi Sindku saqsa jekk il-kunsill jista' jixtri xi tip ta' advertising leġijju/board/stand għal meta jkun hemm l-attivitajiet tal-kunsill. Bil-kliem 'Attivita' organnizata mill-Kunsill Lokali Tas-Sliema'

**Kien hemm qbil li l-laqgħa titkompla wara t-tlett siegħat**

*Kummenti mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv*

70.6.14 L-A. Seg. Eżek. qal li hemm bżonn li jiltaqa' l-finance committee mill-aktar fiss possibbli.

Qal ukoll li huwa lest jagħti għajnuna lill-kunsilliera li għadhom m'agħmlux l-evalwazzjoni tat-tenders pendenti.

L-A. Seg. Eżek. sostna li fil-bidu tas-sena ddieħla irid isir il-laqgħa għar-residenti kollha > Annual Locality Meeting.

**70.7**

**KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

70.7.1 Ma kienx hemm aktar rapporti.

70.8

70.8.1 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

70.8.2 Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-pagament dovut lil Yama Yami u qal li l-kunsill għandu bżonn jiċċekja sew l-ammonti dovuti lilhom u għalissa l-pagament jinżamm '*on hold*'

*Approvazzjoni tal-pagamenti*

Il-Viċi Sindku talab kjarifika dwar pagament numru 20, dwar il-latrini pubbliċi tax-xahar t'Ottubru. Il-Pagament ser jinżamm '*on hold*'

Il-Viċi Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti mingħajr numru 46.
Il-kunsillier D Soler issekonda.
Kien hemm qbil fost il-kunsilliera preżenti.

70.9 **MOZZJONIJIET**

70.9.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni

**TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

Is-seduta ntemmet fil-10:30pm.
Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar it-24 ta' Jannar, 2024 fis-6pm.

Minuti approvati llum 24 ta' Jannar 2024

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **John Pillow** | **Pierre P Portelli** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |